IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2021
COM(2021) 900 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022: Valutazzjoni Kumplessiva

Sommarju eżekuttiv

Din il-Komunikazzjoni tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji tal-2022 ippreżentati mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, u s-sitwazzjoni baġitarja ġenerali fiż-Żona tal-Euro, inkluża l-pożizzjoni fiskali aggregata, kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 473/2013.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tqis l-irkupru ekonomiku li għaddej mill-kriżi tal-COVID-19 u l-applikazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2022, filwaqt li hija mistennija li tiġi diżattivata mill-2023. Il-valutazzjoni hija bbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-politika fiskali adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2021. Din il-gwida tista' tingħabar fil-qosor kif ġej. Għall-2022, l-Istati Membri b'dejn baxx/medju jenħtieġ li jsegwu jew iżommu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, filwaqt li l-Istati Membri b'dejn għoli jenħtieġ li jużaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF) biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru, filwaqt li jsegwu politika fiskali prudenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Bil-ħsieb li jiżdied l-appoġġ għall-irkupru mingħajr ma jiġu anticipati trajettorji fiskali futuri u jinħoloq piż permanenti fuq il-finanzi pubbliċi, it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jinżamm taħt kontroll, u jiġi limitat mill-Istati Membri b'dejn għoli.

L-Abbozzi ta;-Pjanijiet Baġitarji tal-2022, inkluża l-valutazzjoni tal-pożizzjoni fiskali għaż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

1. Il-ftuħ mill-ġdid tal-ekonomiji taż-Żona tal-Euro qed iwassal għal irkupru b'saħħtu madwar l-Istati Membri u s-setturi. It-tkabbir tal-PDG reali huwa pproġettat li jilħaq il-5% fl-2021 wara rkupru fil-konsum privat u l-investiment. L-attività ekonomika hija mistennija tkompli tikber malajr b'4,3% fl-2022, filwaqt li r-ritmu tal-irkupru mhuwiex uniformi fil-pajjiżi kollha. L-inċertezza u r-riskji għadhom għoljin u jxaqilbu lejn in-negattiv, b'ostakli ġodda u li dejjem jiżdiedu fuq in-naħa tal-provvista lejn il-perspettiva ekonomika.
2. L-Istati Membri qed ineħħu l-miżuri temporanji ta' emerġenza u qed jiffukaw dejjem aktar fuq il-miżuri ta' appoġġ biex isostnu l-irkupru. Flimkien mal-operat tal-istabbilizzaturi awtomatiċi, dan jgħin il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro, li mistennija titjieb b'mod sinifikanti fl-2022. L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jindikaw defiċit nominali aggregat ta' 4,1% tal-PDG u proporzjon tad-dejn għall-PDG ta' madwar 96% fl-2022, ġeneralment f'konformità mat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni. Il-materjalizzazzjoni tar-riskji għat-tbassir tista' taggrava l-eżiti ekonomiċi u fiskali fl-2022 meta mqabbla mal-istimi fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji.
3. L-Istati Membri jxaqilbu minn miżuri relatati mal-kriżi lejn miżuri li jsostnu l-irkupru. L-Istati Membri ħadu miżuri fiskali mdaqqsa b'rispons għall-pandemija u b'appoġġ għall-irkupru (5,2% tal-PDG fl-2021 u 2,8% tal-PDG fl-2022). Il-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li fil-biċċa l-kbira jitneħħew gradwalment fl-2022 (3,7% tal-PDG fl-2021, 0,4% tal-PDG fl-2022). B'kuntrast, il-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru huma mistennija li jiżdiedu (1,5% tal-PDG fl-2021, 2,3% tal-PDG fl-2022), u dan huwa dejjem aktar relatat ma' miżuri ffinanzjati mill-UE. Fl-2022, l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli jew l-"għotjiet" tal-RRF se jiffinanzjaw 24% tal-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru totali. L-Istati Membri pprovdew ukoll appoġġ ta' likwidità wiesa' lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji fil-forma ta' garanziji jew sospensjoni tal-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali. Dawn il-miżuri ġeneralment ma jkollhomx impatt fuq id-defiċit nominali, ħlief fil-każ ta' garanziji standardizzati.
4. L-assorbiment tal-għotjiet tal-RRF huwa mistenni li jiġi fornut minn qabel. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni u l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji, l-Istati Membri huma mistennija jonfqu aktar minn 40% tal-ammont totali tal-għotjiet tal-RRF allokati, sakemm tittieħed id-deċiżjoni li jsir l-iżborż wara t-twettiq tal-istadji importanti u l-miri. Il-biċċa l-

kbira (aktar minn 70%) tal-għotjiet tal-RRF matul il-perjodu 2020-2022 se jkunu mmirati lejn il-finanzjament tal-investiment privat u pubbliku, u l-bqija jiġu diretti l-aktar lejn in-nefqa kurrenti, ippjanati biex jiffinanzjaw miżuri li jappoġġaw l-irkupru, itejbu r-reżiljenza u jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

5. L-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa ppjanat li jiġi ppreservat jew ippreservat b'mod wiesa' fl-2022 fl-Istati Membri kollha, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Iż-żieda pproġettata fis-sehem tal-investiment pubbliku fil-PDG hija xprunata kemm mis-sorsi ta' finanzjament tal-UE kif ukoll minn dawk nazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw miżuri ffinanzjati mill-RRF fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom tal-2022. Il-profil tal-infiq tal-għotjiet tal-RRF matul l-2020-2022 madwar l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro juri xi livell ta' eteroġeneità. L-Istati Membri b'dejn għoli qed jippjanaw li jużaw il-biċċa l-kbira tal-għotjiet tal-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali kif rakkomandat mill-Kunsill.

6. Il-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro hija pproġettata li tkun espansiva matul il-perjodu 2020-2022. Pożizzjonijiet fiskali individwali huma ppjanati li jibqgħu ta' appoġġ fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2022, ladarba jiġu kkoreġuti għat-tneħħija gradwali ta' miżuri temporanji ta' emerġenza. Kif rakkomandat mill-Kunsill, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri b'dejn baxx/medju jippjanaw espansjoni fiskali.

7. Il-kontribuzzjoni pożittiva mill-investiment pubbliku u nfiq kapitali ieħor iffinanzjat kemm mill-baġits nazzjonali kif ukoll minn dawk tal-UE hija importanti, iżda l-ixprun ewlieni tal-espansjoni fiskali fl-2021 u l-2022 huwa n-nefqa primarja kurrenti netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali. F'diversi Stati Membri inklużi wħud b'dejn għoli, il-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ipproġettata hija mistennija li tkun xprunata minn infiq kurrenti ogħla ffinanzjat fil-livell nazzjonali, jew minn tnaqqis fit-taxxa mhux iffinanzjat. F'xi każijiet, dan huwa mistenni li jkollu impatt imdaqqas fuq il-pożizzjoni fiskali sottostanti. F'madwar kwart tal-Istati Membri, il-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ hija mistennija li tkun xprunata minn investiment, kemm iffinanzjat fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-UE.

L-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022 jiffukaw fuq il-konsistenza mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021. Dan li ġej huwa sommarju tal-Opinjonijiet tal-Kummissjoni, li huma bbażati fuq it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni.

Stati Membri b'dejn għoli (il-Belġju, Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja)

- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jużaw l-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru.
- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- L-Italja ġiet rakkomandata mill-Kunsill biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Dan mhux ipproġettat li jiġi żgurat b'mod suffiċjenti, billi t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribut imdaqqas għall-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ġenerali tal-Italja. Sabiex tikkontribwixxi għall-kisba ta' politika fiskali prudenti, il-Kummissjoni tistieden lill-Italja biex tieħu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.
- Għall-Belġju, Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja, minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tagħhom u l-isfidi għoljin tas-sostenibbiltà fit-terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fit-terminu medju.

Stati Membri b'dejn baxx/medju (l-Awstrija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja u s-Slovakkja)

- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tas-Slovakkja u ta' Malta, isegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż l-impuls previst mill-RRF. Il-pożizzjoni fiskali restrittiva tas-Slovakkja sseħħ fl-isfond ta' tkabbir għoli tal-output u restrizzjonijiet emerġenti tal-kapaċità. Il-pożizzjoni newtrali ta' Malta tirrifletti prinċipalment it-tkabbir potenzjali stmat għoli ħafna filwaqt li l-investiment pubbliku jilħaq livell storikament għoli. Dan huwa ġeneralment rakkomandat mill-Kunsill.
- L-Istati Membri kollha qed jippjanaw li jużaw l-RRF biex jappoġġaw l-irkupru tagħhom, filwaqt li n-Netherlands għadhom ma ppreżentawx il-Pjan tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jippreservaw jew jippreservaw b'mod wiesa' l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- Il-Latvja u l-Litwanja ġew rakkomandati mill-Kunsill biex jikkontrollaw t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Dan mhux ipproġettat li jiġi żgurat b'mod suffiċjenti, billi t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribut imdaqqas għall-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ġenerali tagħhom.

I. Introduzzjoni

Il-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji nazzjonali hija parti importanti mill-qafas tal-governanza ekonomika fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[1]. Sabiex tkun tista' ssir din il-koordinazzjoni, l-Istati Membri taż-Zona tal-Euro jippreżentaw l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tas-sena ta' wara lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro sa nofs Ottubru[2]. Dawn il-pjanijiet jiġbru fil-qosor l-abbozzi ta' baġits li l-gvernijiet jippjanaw li jippreżentaw lill-parlamenti nazzjonali. Il-Kummissjoni tipprovdi Opinjoni dwar kull pjan, u tivvaluta jekk ikunx konformi mal-obbligi tal-Istat Membru skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Opinjonijiet tal-Kummissjoni jipprovdu parir politiku lill-gvernijiet nazzjonali u jinfurmaw lill-parlamenti nazzjonali bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' baġits konformi mar-regoli fiskali tal-UE. Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni baġitarja u l-prospetti fiż-Żona tal-Euro kollha kemm hi.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija ankrata mir-rakkomandazzjonijiet dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat, adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2021. Din is-sena, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali huma kwalitattivi u ma jinkludux rekwiżiti baġitarji numeriċi. Dan jirrifletti l-applikazzjoni kontinwa fl-2022 tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li ġiet attivata mill-Kummissjoni u mill-Kunsill f'Marzu 2020[3]. Fuq il-bażi tal-proġettazzjonijiet attwali, il-klawżola liberatorja ġenerali hija mistennija li tiġi diżattivata mill-2023.

Għall-2022, ir-rakkomandazzjonijiet iffukaw fuq id-direzzjoni ġenerali u l-kompożizzjoni tal-pożizzjoni fiskali, inkluża n-nefqa ffinanzjata mill-RRF u fondi oħra tal-UE. Il-miżuri temporanji ta' emerġenza ġew innettjati. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri b'dejn baxx/medju jsegwu jew iżommu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, filwaqt li l-Istati Membri b'dejn għoli jenħtieġ li jsegwu politika fiskali prudenti u jużaw il-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru. L-Istati Membri kollha ġew rakkomandati li jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Bil-ħsieb li jiżdied l-appoġġ għall-irkupru mingħajr ma jiġu antiċipati trajettorji fiskali futuri u jinħoloq piż permanenti fuq il-finanzi

[1]Kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-Żona tal-Euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

[2] Kważi l-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro ppreżentaw l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom tal-2022 sal-15 ta' Ottubru 2021, kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 473/2013. L-Italja ppreżentat il-pjan tagħha fl-20 ta' Ottubru. Franza ppreżentat pjan aġġornat fit-22 ta' Ottubru. L-Opinjoni tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-valutazzjoni tal-pjan aġġornat. Il-Kummissjoni ma adottatx Opinjoni dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ppreżentat mill-Portugall, billi l-abbozz tal-baġit li fuqu kien ibbażat il-pjan tal-Portugall sadanittant ġie miċħud mill-parlament tiegħu. Fl-ittra tagħha tal-15 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Portugiżi jippreżentaw Abbozz tal-Pjan Baġitarju fi żmien debitu u hekk kif gvern jippreżenta lill-Parlament Portugiż abbozz ta' liġi ġdida dwar il-Baġit tal-Istat għall-2022. Il-preżentata jenħtieġ li ssir mill-inqas xahar qabel l-Abbozz tal-Liġi tal-Baġit il-ġdid ikun ippjanat li jiġi adottat mill-parlament nazzjonali.

[3]Fil-Komunikazzjoni lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, Brussell, 20.3.2020, COM(2020) 123 final, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-fehma tagħha li minħabba t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku serju li mistenni jirriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19 il-kundizzjonijiet biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja ġenerali huma ssodisfati

Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni.

pubbliċi biex tiġi żgurata sostenibbiltà fiskali, it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jinżamm taħt kontroll, u jiġi limitat għall-Istati Membri b'dejn għoli.

Għat-terminu medju, l-Istati Membri kollha ġew rakkomandati li jiksbu pożizzjonijiet fiskali prudenti u jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali, filwaqt li jsaħħu l-investiment biex jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kellhom l-għan ukoll li jiżguraw li l-kompożizzjoni tal-politika fiskali nazzjonali twassal għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali[4].


L-għan ta' din il-Komunikazzjoni jinqasam fi tnejn: L-ewwel nett, tipprovdi stampa aggregata tal-politika baġitarja fil-livell taż-Żona tal-Euro, hija u tibni fuq valutazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji. Dan l-eżerċizzju jirrifletti l-valutazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Programmi ta' Stabbiltà li saret fir-rebbiegħa. It-tieni, tipprovdi ħarsa ġenerali tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji fil-livell tal-pajjiżi u tispjega l-approċċ tal-Kummissjoni biex tivvalutahom, b'mod partikolari l-miżuri fiskali meħuda biex jappoġġaw irkupru sostenibbli għall-Unjoni mill-kriżi tal-COVID-19.

II Konstatazzjonijiet ewlenin dwar iż-Żona tal-Euro

Perspettiva ekonomika

Il-ftuħ mill-ġdid tal-ekonomiji taż-Żona tal-Euro qed iwassal għal irkupru b'saħħtu madwar l-Istati Membri u s-setturi. Is-sitwazzjoni tas-saħħa li qed titjieb u t-tnaqqis tal-miżuri ta' lockdown wasslu għal irkupru b'saħħtu fl-attività ekonomika fiż-Żona tal-Euro fit-tieni kwart tal-2021, li kompla jaċċellera fit-tielet kwart. It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni jistenna li t-tkabbir tal-PDG reali jilħaq 5.0% għas-sena kollha (wara tnaqqis ta' 6.4% fl-2020). L-ekonomija taż-Żona tal-Euro se tilħaq il-livell tagħha ta' qabel il-pandemija f'termini trimestrali sa tmiem is-sena, għalkemm tibqa' taħt il-livell tax-xejra tagħha ta' qabel il-kriżi, li issa huwa mbassar li jintlaħaq

Graff 2.1 **Żona tal-Euro: tkabbir reali tal-PDG, 2016-2022 (%)**



Sorsi: l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji (APB) tal-2022, it-tbassir tal-ħarifa 2021tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Programmi ta' Stabbiltà (PS) tal-2021.

[4]Fir-Rakkomandazzjonijiet dwar il-programmi ta' stabbiltà aġġornati adottati fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li kull Stat Membru: "Jagħti attenzjoni partikolari għall-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll min-naħa tan-nefqa tal-baġit, u għall-kwalità tal-miżuri baġitarji sabiex jiggarantixxu rkupru sostenibbli u inklużiv Jagħti prijorità lill-investiment sostenibbli u li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari lill-investiment li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Jagħti prijorità lir-riformi strutturali fiskali li se jgħinu biex jipprovdu finanzjament għall-prijoritajiet tal-politika pubblika u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluż, fejn rilevanti, billi jsaħħu l-kopertura, l-adegwatezza, u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd."

fl-2023. L-irkupru qed jiġi xprunat mill-irkupru fil-konsum privat u l-investiment. L-aċċellerazzjoni fil-konsum privat hija dovuta għaż-żieda fl-introjtu nett tal-unitajiet domestiċi u għat-tnaqqis fir-rata tat-tfaddil lejn livelli storiċi, filwaqt li t-tkabbir tal-investiment qed jiġi xprunat minn kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli għas-settur korporattiv, l-impuls mogħti mill-RRF u attività b'saħħitha fis-settur tal-kostruzzjoni. L-aċċellerazzjoni sinifikanti fl-esportazzjonijiet qed tagħti spinta għall-attività ekonomika, speċjalment fis-settur tal-manifattura. Madankollu, l-irkupru huwa mistenni li jkun irregolari madwar il-pajjiżi u s-setturi. Tnax-il Stat Membru taż-Żona tal-Euro huma mistennija jirritornaw għal livelli trimestrali ta' output ta' qabel il-pandemija sa tmiem l-2021, f'ħames Stati Membri[5] d-distakk huwa mistenni li jagħlaq matul l-2022 u fi Stat Membru wieħed[6] fil-bidu tal-2023. F'termini ta' attività settorjali, is-setturi tas-servizzi intensivi fil-kuntatti bbenefikaw ħafna mit-tneħħija tar-restrizzjonijiet
relatati mas-saħħa fit-tieni kwart tal-2021, iżda l-valur miżjud f'dawk is-setturi baqa' sostanzjalment taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija. B'kuntrast, is-settur tal-manifattura qed jirkupra malajr iżda qed jinżamm lura minn restrizzjonijiet u interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista globali bħan-nuqqas ta' materja prima u komponenti intermedjarji, b'mod partikolari s-semikondutturi. Għall-2021, il-proġettazzjonijiet makroekonomiċi fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji huma, b'mod aggregat, aktar ottimisti mit-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, billi t-tkabbir tal-PDG aggregat taż-Żona tal-Euro huwa pproġettat li jkun 5.4%[7] fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji meta mqabbel ma' 5% fit-tbassir tal-Kummissjoni (il-Graff 2.1 u l-Anness Tabella IV.1). Fl-2022, l-attività ekonomika hija mistennija li tkompli tikber malajr b'4.3%. Ma hemm l-ebda differenza fil-proġettazzjonijiet tal-2022 tat-tkabbir tal-PDG aggregat taż-Żona tal-Euro. Kemm it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni u l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jistennew tkabbir ferm ogħla fl-2021 (5% u 5.4% rispettivament) meta mqabbel mal-Programmi ta' Stabbiltà tal-2021 (fejn it-tkabbir kien stmat għal 4%) u tkabbir kemxejn ogħla fl-2022.

L-inċertezza u r-riskji għadhom għoljin u jxaqilbu lejn in-negattiv, b'ostakli ġodda u li dejjem jiżdiedu fuq in-naħa tal-provvista lejn il-perspettiva ekonomika. L-evoluzzjoni tal-pandemija kemm fiż-Żona tal-Euro kif ukoll barra minnha tibqa' sors ewlieni ta' inċertezza. Fiż-Żona tal-Euro, il-progress fid-distribuzzjoni tal-vaċċini wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' każijiet severi u mwiet, li naqqas l-istrettezza tar-restrizzjonijiet ordnati mill-gvern. B'riżultat ta' dan, l-impatt tal-pandemija fuq l-attività ekonomika ddgħajjef b'mod sinifikanti. Barra miż-Żona tal-Euro (u fl-UE ġenerali), l-istampa hija mħallta b'pajjiżi emerġenti b'mod partikolari huma vulnerabbli għal lockdowns ġodda minħabba rati baxxi ta' tilqim. Tfixkil fl-attività ekonomika f'dawn ir-reġjuni jista' jaffettwa negattivament l-ekonomiji taż-Żona tal-Euro minħabba l-integrazzjoni globali tal-ktajjen ta' produzzjoni tagħhom. Il-pandemija qed tikkontribwixxi wkoll biex taggrava r-restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista li qed iżommu lura l-attività ekonomika fiż-Żona tal-Euro u li jista' jkollhom aktar effetti negattivi li kieku kellhom imorru għall-agħar. Fattur tar-riskju negattiv addizzjonali huwa dovut għal

[5]Dawn l-Istati Membri huma: il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja u Malta.

[6]Spanja

[7]L-aktar proġettazzjonijiet ottimisti dwar it-tkabbir aggregat tal-PDG għall-2021 fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji meta mqabbel mat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni huma dovuti għal proġettazzjonijiet aktar ottimisti f'xi Stati Membri kbar taż-Żona tal-Euro aktar milli għal xejra ġenerali. Id-differenza fil-proġettazzjonijiet f'dawn l-Istati Membri hija ġeneralment dovuta għal kwistjoni tal-iskedar billi l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tħejjew qabel ir-rilaxx tad-*data* addizzjonali dwar il-PDG li ġiet integrata fit-Tbassir tal-Ħarifa 2021 tal-Kummissjoni.


pressjonijiet ta' inflazzjoni persistenti li jirriżultaw minn prezzijiet għoljin tal-enerġija u nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol f'xi setturi.

Perspettiva fiskali

Id-defiċit nominali aggregat taż-Żona tal-Euro huwa mistenni li jonqos fl-2022 prinċipalment xprunat mit-tneħħija tal-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza u l-operat tal-istabilizzaturi awtomatiċi (il-Graff 2.2 u l-Anness Tabella IV.2**).** L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jindikaw defiċit nominali aggregat ta' 4.1% tal-PDG fl-2022, tnaqqis minn 7.5% tal-PDG mistenni fl-2021 (żieda minn 7.2% tal-PDG fl-2020). Dawn il-proġettazzjonijiet tad-defiċit huma kemxejn ogħla mit-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni (7.1% tal-PDG fl-2021 u 3.9% tal-PDG fl-2022), iżda jimmarkaw tnaqqis sinifikanti meta mqabbel mal-Programmi ta' Stabbiltà tal-2021, li kienu pproġettaw

defiċit aggregat ta' 6.8% tal-PDG fl-2022 (tnaqqis minn 8.7% tal-PDG fl-2021). It-titjib mistenni fid-defiċit aggregat fl-2022 huwa xprunat l-aktar mit-tnaqqis tal-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza u l-operat tal-istabilizzaturi awtomatiċi, hekk kif ikompli l-irkupru ekonomiku. L-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro qed jippjanaw defiċit baxx b'mod sostanzjali fl-2022 meta mqabbel mal-2021. L-akbar tnaqqis ta' aktar minn 4 punti perċentwali tal-PDG huwa ppjanat fil-Greċja (għal 3.7% tal-PDG fl-2022), fil-Latvja (għal 4.8%) u f'Malta (għal 5.6%). B'kollox, 11-il Stat Membru jippjanaw defiċit ogħla minn 3% tal-PDG fl-2022.


Graff 2.2 **Żona tal-Euro: defiċit nominali, 2016-2022 (% tal-PDG)**



Sorsi: l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji (APB) tal-2021, it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Programmi ta' Stabbiltà (PS) tal-2021.

Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG huwa pproġettat li jonqos kemxejn fl-2022 bis-saħħa ta' differenzjali tat-tkabbir fir-rata tal-imgħax favorevoli (il-Graff 2.3 u l-Anness Tabella IV.3). L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jipproġettaw proporzjon tad-dejn li jilħaq 98% tal-PDG

Graff 2.3 **Żona tal-Euro: dejn pubbliku, 2016-2022 (% tal-PDG)**




Sorsi: l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji (APB) tal-2021, it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Programmi ta' Stabbiltà (PS) tal-2021.

fl-2021 (tnaqqis minn 99% fl-2020), u li jerġa' jonqos fl-2022 għal madwar 96%[8]. Din il-proġettazzjoni hija aktar baxxa mit-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni (100.0% tal-PDG fl-2021 u 97.9% tal-PDG fl-2022). B'mod ġenerali, id-defiċit primarju se jkompli jkun ta' piż fuq id-dinamika tad-dejn fl-2022, filwaqt li d-differenzjali tat-tkabbir fir-rata tal-imgħax se jappoġġa t-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn (il-Graff 2.4).

Il-proġettazzjonijiet tad-dejn għas-snin li ġejjin huma soġġetti għal inċertezza konsiderevoli. Is-simulazzjonijiet stokastiċi, li japplikaw firxa kbira ta' xokkijiet makroekonomiċi madwar ix-xenarju ċentrali, jissuġġerixxu li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG taż-Żona tal-Euro x'aktarx li jkun bejn id-89% u l-107% tal-PDG fl-2022 u bejn id-79% u l-112 % tal-PDG fl-2026 (l-Anness III). Il-proporzjon x'aktarx li jonqos bil-mod fuq terminu medju, hekk kif l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-finanzi pubbliċi gradwalment jonqos. L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-għoti ta' garanziji pubbliċi biex isostnu l-attività ekonomika u s-setturi partikolarment milquta mill-pandemija ġeneralment ikunu riflessi fid-dejn u d-defiċits pubbliċi biss jekk jintalbu, ħlief fil-każ ta' garanziji standardizzati[9]. L-obbligazzjonijiet kontinġenti akkumulati matul il-kriżi tal-COVID-19 juru differenzi kbar bejn l-Istati Membri.

Stati (Kaxxa 1). Il-proporzjonijiet tad-dejn se jkomplu jiżdiedu wkoll jekk ir-rati tal-imgħax jiżdiedu. Min-naħa l-oħra, diversi fatturi jimmitigaw ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali. Dawn il-fatturi jinkludu t-titwil tal-maturitajiet tad-dejn f'dawn l-

Graff 2.4 **Żona tal-Euro: dekompożizzjoni tal-bidla fil-proporzjon tad-dejn, 2021-2022 (punti perċentwali tal-PDG)**



Nota: L-effett valanga jirreferi għall-impatt nett tar-rati tal-imgħax, l-inflazzjoni u t-tkabbir tal-PDG reali (jiġifieri, id-differenzjali tat-tkabbir fir-rata tal-imgħax) fuq id-dinamika tad-dejn.
Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

[8] L-uniċi Stati Membri b'żidiet ipproġettati fil-proporzjonijiet tad-dejn tagħhom fl-2022 huma l-Belġju, l-Estonja, il-Latvja u Malta. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li kellhom l-ogħla proporzjonijiet tad-dejn qabel il-kriżi jippjanaw titjib fl-2022.

[9] F'xi każijiet, il-gvernijiet ħarġu garanziji standardizzati f'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19; għal dawn il-garanziji, huwa rreġistrat impatt tad-defiċit stmat mill-bidu f'konformità mar-regoli tal-ESA 2010. Filwaqt li għad hemm inċertezza għolja, dan itaffi l-impatt potenzjali tal-garanziji għal defiċits futuri. Dan kien partikolarment il-każ għall-Italja, fejn l-istokk ta' garanziji żdied l-aktar fl-2020: billi l-garanziji maħruġa fl-2020 b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19 kienu fil-biċċa l-kbira standardizzati, it-telf assoċjat mas-sejħiet ta' garanzija futuri mistennija (0.7% tal-PDG) diġà kien rifless fid-defiċit tal-2020.

aħħar snin[10], sorsi stabbli ta' finanzjament, spejjeż tas-self storikament baxxi[11], u inizjattivi tal-UE bħall-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency, SURE) u, aktar importanti minn hekk, NextGenerationEU, li jinkludi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF). Barra minn hekk, ishma kbar ta' dejn tal-gvern, fil-medda ta' bejn il-15 % u t-30 % għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-Żona tal-Euro[12], huma miżmuma mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali.

Kaxxa 1. Garanziji fl-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji tal-2022

Minbarra l-miżuri b'impatt baġitarju dirett, l-Istati Membri pprovdew appoġġ ta' likwidità wiesa' lill-ekonomija b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, l-aktar fil-forma ta' garanziji pubbliċi. Dawn il-miżuri ffaċilitaw l-għoti kontinwu ta' kreditu lill-ekonomija mis-settur bankarju u trasferiment effiċjenti ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli għas-setturi ekonomiċi kollha, kif ukoll taffew ir-restrizzjonijiet temporanji tal-likwidità. Uħud mill-Istati Membri enfasizzaw fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom l-effiċjenza ta' dawn il-miżuri biex jippreservaw il-fiduċja u b'hekk jillimitaw l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi.

Bit-tnaqqis tal-miżuri ta' kontenjment u l-irkupru sussegwenti, l-adozzjoni ta' garanziji pubbliċi relatati mal-kriżi tal-COVID-19 hija mistennija li tkun laħqet il-quċċata tagħha, billi ħafna skemi ta' garanzija diġà skadew jew jiskadu sa tmiem l-2021. Dan huwa kkonfermat mill-informazzjoni pprovduta fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji, li ħafna drabi jistennew li l-livell ta' obbligazzjonijiet kontinġenti se jibda jonqos mill-2022, li jirrifletti wkoll l-irkupru ekonomiku mistenni. L-informazzjoni pprovduta fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tenfasizza wkoll li, għall-uħud mill-iskemi, l-adozzjoni attwali, riflessa fl-obbligazzjonijiet kontinġenti attwali tal-gvern, baqgħet modesta meta mqabbla mad-daqs massimu mħabbar inizjalment.


Fuq il-bażi tal-evidenza eżistenti, iż-żieda fl-istokk ta' garanziji tal-gvern sa issa baqgħet moderata fil-biċċa l-kbira tal-każijiet (ara l-Graff B1.1) u ġeneralment aktar baxxa milli matul il-Kriżi Finanzjarja l-Kbira. Ta' min jinnota li s-sempliċi ammont tal-garanziji li ġew adottati ma jikkorrelatax mal-probabiltà tagħhom li jintalbu, billi dan huwa xprunat minn aspetti oħra, b'mod partikolari s-solvenza tad-ditti li bbenefikaw mill-garanziji.

Graff B1.1 Żona tal-Euro: Stokk tal-garanziji tal-gvern, 2019 u 2020 (% tal-PDG)

[10]Il-maturità medja fiż-Żona tal-Euro bħalissa hija 7.9 snin (ikkalkulata bħala medja sempliċi ta' maturitajiet fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro).

[11]Ir-rata impliċita tal-imgħax kienet 1.5% fl-2020 għaż-Żona tal-Euro kollha.


[12]Id-*data* tal-2020, sors: Statistika dwar il-finanzi tal-gvern, BĊE.



Sors: Eurostat (gov_10dd_guar and gov_cl_guar); Id-*data* tal-2020 mhijiex disponibbli għall-Ġermanja, il-Greċja u n-Netherlands

L-Istati Membri żammew miżuri fiskali mdaqqsa b'rispons għall-evoluzzjoni tal-pandemija li sejra għall-aħħar fil-bidu tal-2021. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-miżuri temporanji ta' emerġenza ammontaw[13] għal 3.4% tal-PDG fl-2020, madwar 85% tal-miżuri fiskali diskrezzjonarji totali meħuda f'dik is-sena (il-Graff 2.5). Miżuri oħra ta' natura aktar ġenerali ta' appoġġ għall-irkupru (temporanji jew permanenti), bħal xogħlijiet pubbliċi żejda jew tnaqqis indirett fit-taxxi, huma stmati li ammontaw għal 0.5% tal-PDG fl-2020[14]. Il-kost tal-miżuri temporanji ta' emerġenza hija mistennija li tiżdied fl-2021 għal 3.7% tal-PDG. Iż-żieda fil-miżuri temporanji ta' emerġenza hija prinċipalment dovuta għall-adozzjoni ta' miżuri ġodda jew estiżi b'rispons għall-ħtieġa ta' restrizzjonijiet ġodda għall-attività ekonomika fl-ewwel parti tas-sena. L-ispiża tal-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru (iffinanzjati kemm minn sorsi nazzjonali kif ukoll mill-UE) hija mbassra li tiżdied fl-2021 għal 1.5% tal-PDG inklużi miżuri ffinanzjati mill-UE ekwivalenti għal 0.4% tal-PDG.

Graff 2.5 **Żona tal-Euro: Miżuri temporanji ta' emerġenza u miżuri ta' appoġġ għall-irkupru, 2020–2022 (% tal-PDG)**



Nota: Iċ-ċart turi l-ispiża fl-2022 tal-miżuri adottati mill-2020 'il quddiem. Għad-definizzjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza ara l-Kaxxa 2. Għad-definizzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għall-irkupru ara n-nota 12 f'qiegħ il-paġna.
Sorsi: L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022 u t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni.

[13] Ir-raġuni biex issir distinzjoni bejn il-miżuri ta' emerġenza hija li l-adegwatezza tal-użu tagħhom jenħtieġ li titkejjel mhux b'rabta mal-istat tal-ekonomija iżda l-istat tas-saħħa pubblika u r-restrizzjonijiet li titlob. Għad-definizzjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza ara l-Kaxxa 2.

[14] Il-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru huma miżuri fiskali introdotti minn Marzu 2020 biex jiżguraw irkupru sostenibbli wara l-pandemija tal-COVID-19. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu temporanji jew permanenti; uħud jistgħu jiġu ffinanzjati minn għotjiet tal-RRF. Meta dawn il-miżuri jaffettwaw il-bilanċ baġitarju lil hinn mill-2022, dawn jitqiesu bħala permanenti. Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' investiment pubbliku, trasferiment kapitali, nefqa kurrenti jew miżuri ta' dħul (tnaqqis fit-taxxa). Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-miżuri ta' appoġġ fiskali, l-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju biex jiżguraw irkupru sostenibbli u sostnut.

Miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li fil-parti l-kbira tagħhom jitneħħew gradwalment fl-2022 hekk kif l-Istati Membri jxaqilbu lejn miżuri li jsostnu l-irkupru. Fl-2022, skont it-tbassir tal-Kummissjoni, il-miżuri temporanji ta' emerġenza jammontaw għal inqas minn 0.5% tal-PDG, filwaqt li l-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru huma stmati għal 2.3% tal-PDG. Dawn il-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru jammontaw għal madwar 85% tal-miżuri fiskali diskrezzjonarji fl-2022, sitwazzjoni bil-kontra ta' dik fl-2020. Dan jikkonferma li l-bidla lejn l-appoġġ għall-irkupru qed isseħħ. Parti dejjem tikber minn dak l-appoġġ għall-irkupru hija relatata ma' miżuri ffinanzjati mill-UE, speċjalment għotjiet tal-RRF, li fl-2022 se jiffinanzjaw 24% tal-miżuri totali ta' appoġġ għall-irkupru, jew 0.5% tal-PDG. Madankollu, uħud mill-miżuri ta' emerġenza jistgħu jiġu estiżi f'każ li l-evoluzzjoni tal-pandemija tmur għall-agħar. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew jestendu miżuri biex jikkontrobattu l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda f'daqqa reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija.


Xejriet fin-nefqa ffinanzjata mill-RFF

L-assorbiment tal-għotjiet tal-RRF (appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli) huwa pproġettat, mit-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni u l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022, li jiġi fornut minn qabel bil-biċċa l-kbira tal-għotjiet immirati lejn il-finanzjament tal-investiment privat u pubbliku[15].

[15]Din il-Komunikazzjoni kif ukoll l-Opinjonijiet tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jużaw id-definizzjoni tal-kontijiet nazzjonali ta' investiment, filwaqt li l-RRF tuża kunċett usa' ta' investiment. Ir-Regolament tal-RRF jiddefinixxi l-investiment bħala formazzjoni ta' kapital fl-oqsma bħall-kapital fiss, kapital uman u kapital naturali. Dan ikopri wkoll pereżempju assi intanġibbli bħad-*data*, il-proprjetà intellettwali u l-ħiliet. Il-kapital fiss huwa ġeneralment ekwivalenti għall-kunċett ta' "formazzjoni grossa ta' kapital fiss" użat fil-kontijiet nazzjonali (pereżempju l-infrastruttura, il-bini, iżda wkoll xi intanġibbli bħar-riċerka u l-iżvilupp, il-privattivi jew is-software). Il-kapital uman jiġi akkumulat permezz ta' nfiq fuq is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet, eċċ. Il-kapital naturali jissaħħaħ permezz ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu s-sehem tar-riżorsi naturali rinnovabbli, jipproteġu jew jirrestawraw l-ambjent (pereż. tnaqqis tal-emissjonijiet, riabilitazzjoni tal-art, riforestazzjoni), jew billi jtaffu/jadattaw għat-tibdil fil-klima.

Il-RRF tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-investiment u r-riformi permezz ta' għotjiet kif ukoll self. Din it-taqsima teżamina biss xejriet relattivi għall-għotjiet tal-RRF billi huma partita tal-baġit "'il fuq mil-linja". B'kuntrast, is-self tal-RRF huma elementi ta' finanzjament "taħt il-linja" simili għal self ieħor ikkuntrattat mis-sovran fis-swieq finanzjarji internazzjonali biex jiffinanzja lilu nnifsu[16]. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, il-profil tal-infiq aggregat tal-għotjiet tal-RRF huwa fornut minn qabel, bi 42% tal-ammont totali tal-għotjiet tal-RRF allokati lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jintefqu sa tmiem l-2022, sakemm tittieħed id-deċiżjoni ta' żborż wara li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri, u madwar 67% sa tmiem l-2023. Fit-termini ta' PDG, in-nefqa ffinanzjata mill-RRF fl-2022 hija stmata għal aktar minn 0.5% tal-PDG u 0.5% fl-2023. Profil simili jirriżulta mill-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji, b'madwar 44% tal-ammont totali tal-għotjiet tal-RRF allokati lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jintefqu sa tmiem l-2022, sakemm tittieħed id-deċiżjoni ta' żborż wara li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri, u madwar 65% sa tmiem l-2023. L-iżborżi lill-Istati Membri skont il-RRF bdew fis-sajf tal-2021 fil-forma ta' prefinanzjament (li jammonta għal aktar minn EUR 34 biljun f'għotjiet tal-RRF sa issa) wara l-approvazzjoni tal-ewwel Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs). L-Istati Membri taż-Żona tal-Euro huma stmati li nefqu madwar 17% tat-total tal-għotjiet tal-RRF fl-2021, ekwivalenti għal madwar 0.4% tal-PDG taż-Żona tal-Euro. Madwar 72% tal-għotjiet tal-RRF matul il-perjodu 2020-2022 huma mmirati lejn l-appoġġ tal-investiment, kemm pubbliku kif ukoll privat (madwar 47% jappoġġaw l-investiment privat permezz ta' trasferimenti kapitali, filwaqt li madwar 25% jiffinanzjaw l-investiment pubbliku permezz tal-formazzjoni grossa tal-kapital fiss) fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni. Il-bqija tal-għotjiet tal-RRF huma diretti lejn in-nefqa kurrenti (madwar 27%) u t-tnaqqis fit-taxxa (madwar 1%) użati mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw miżuri oħra biex jappoġġaw l-irkupru, itejbu r-reżiljenza u jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u
diġitali. Xejriet simili jirriżultaw mill-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri: madwar 74% tal-għotjiet tal-RRF matul il-perjodu 2020-2022 se jiġu diretti lejn in-nefqa tal-investiment, b'allokazzjoni kważi ugwali bejn l-investiment pubbliku (madwar 38%) u l-investiment privat (madwar 36%). Il-bqija tal-għotjiet huma mistennija li fil-biċċa l-kbira tagħhom jiġu allokati għan-nefqa kurrenti (madwar 25%) u t-tnaqqis fit-taxxa (madwar 1%) użati mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw miżuri oħra biex jappoġġaw l-irkupru, itejbu r-reżiljenza u jrawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Graff 2.6 **Nefqa ffinanzjata minn għotjiet tal-RRF, 2020-2022 (% tal-ispejjeż totali)**




Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

[16]Għall-kuntrarju tan-nefqa ffinanzjata minn self tal-RRF, in-nefqa ffinanzjata minn għotjiet tal-RRF hija kkumpensata minn dħul korrispondenti u għalhekk mhijiex direttament viżibbli fil-bilanċ tal-gvern estiż.

Iż-żieda pproġettata fis-sehem tal-investiment pubbliku fil-PDG hija xprunata kemm mis-sorsi ta' finanzjament tal-UE kif ukoll minn dawk nazzjonali. It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni jipproġetta żieda fil-proporzjon tal-investiment pubbliku għall-PDG aggregat taż-Żona tal-Euro minn 2.8% fl-2019 għal madwar 3.2% fl-2022 b'riżultat ta' finanzjament għoli minn sorsi tal-UE u nazzjonali. Parti sinifikanti miż-żieda fil-finanzjament tal-UE hija dovuta għall-użu ta' għotjiet tal-RRF. Fl-istess ħin, l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pproġettat li jiġi ppreservat b'mod wiesa' fl-2022 billi l-Istati Membri kollha huma mistennija li jżommu s-sehem tal-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali fil-PDG f'mill-inqas livell simili bħal fl-2021.

Graff 2.7 **Investiment pubbliku fiż-Żona tal-Euro, 2019-2023 (% tal-PDG)**



Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

Valutazzjoni tal-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro


L-indikatur tal-pożizzjoni fiskali għall-2020-2022 ġie aġġustat biex iqis iċ-ċirkostanzi speċjali li ġabet magħha l-pandemija. Il-pożizzjoni fiskali tkejjel l-impuls fuq terminu qasir lill-ekonomija mill-politika fiskali diskrezzjonarja. F'konformità mal-approċċ użat fir-rebbiegħa[17], din il-Komunikazzjoni tikkalkula l-pożizzjoni fiskali billi tħares lejn iż-żieda annwali fin-nefqa netta meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq 10 snin (għal aktar dettalji ara l-Kaxxa: Indikaturi użati fil-valutazzjoni tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022 fl-Anness Statistiku). Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021, l-aggregat nett tan-nefqa użat biex tiġi kkalkolata l-pożizzjoni fiskali ġenerali ġie aġġustat biex jinkludi n-nefqa ffinanzjata minn għotjiet tal-RRF u fondi oħra tal-UE u biex jiġu esklużi l-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 (il-Kaxxa 2 tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata ta' dawn il-bidliet). Minbarra l-kontribuzzjoni min-nefqa ffinanzjata mill-UE, din il-Komunikazzjoni tidentifika l-kontribuzzjonijiet għall-pożizzjoni fiskali ġenerali

[17]Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: "Il-Koordinazzjoni tal-Politika Ekonomika fl-2021: biex tingħeleb il-COVID-19, ikun appoġġat l-irkupru u tkun modernizzata l-ekonomija tagħna", it-2 ta' Ġunju 2021. Ara l-link: com-2021-500_en.pdf (europa.eu)

minn aggregati differenti ta' nefqa ffinanzjati fil-livell nazzjonali: i) investiment; ii) nefqa kapitali oħra; u iii) in-nefqa primarja kurrenti (nett mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonarji).

Il-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro se tibqa' espansiva fl-2021. Fl-2020, il-pożizzjoni fiskali hija stmata li kienet kemxejn espansiva (¼% tal-PDG)[18], billi l-lockdowns meħtieġa biex jillimitaw it-tixrid tal-pandemija affettwaw il-kapaċità tal-gvernijiet li jonfqu fuq attivitajiet normali. Fl-2021, l-espansjoni fiskali hija pproġettata li tkun imdaqqsa b'1¾% tal-PDG xprunata l-aktar minn nefqa primarja kurrenti netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali, li hija mistennija li tipprovdi kontribuzzjoni espansiva ta' ftit aktar minn 1% tal-PDG. Il-kontribuzzjonijiet pożittivi oħra huma mistennija li jirriżultaw minn investiment pubbliku u nfiq kapitali ieħor iffinanzjat kemm mill-baġits nazzjonali kif ukoll

Graff 2.8 **Żona tal-Euro: pożizzjoni fiskali, 2020-2022 (% tal-PDG)**



Nota: Il-graff juri l-impuls fiskali diskrezzjonarju aġġustat biex iqis iċ-ċirkostanzi speċjali tal-pandemija tal-COVID-19.
Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

[18] Il-pandemija tal-COVID-19 toħloq sfidi speċifiċi għall-valutazzjoni tal-pożizzjoni fiskali sottostanti, mhux l-inqas il-ħtieġa li titqies l-eliminazzjoni gradwali ta' miżuri temporanji ta' emerġenza. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni u t-tneħħija gradwali sussegwenti tal-miżuri temporanji ta' emerġenza mdaqqsa ta' emerġenza fl-2022 iċajpru l-qari tal-iżviluppi fiskali sottostanti. Jenħtieġ li t-tneħħija gradwali ta' dawn il-miżuri ma titqiesx bħala politika fiskali restrittiva meta l-attività ekonomika u s-sigħat maħduma jirritornaw għal livelli normali. L-esklużjoni tagħhom mill-analiżi se tgħin biex jiġu evitati inferenzi qarrieqa dwar l-evoluzzjoni tal-appoġġ għad-domanda sa mill-bidu tal-pandemija. Għal skopijiet ta' konsistenza u tqabbil, l-indikatur tal-pożizzjoni fiskali għall-2020 ġie aġġustat biex jeskludi l-miżuri temporanji ta' emerġenza meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Minħabba li fl-2020 il-biċċa l-kbira tal-impuls kien ipprovdut minn dawn il-miżuri temporanji ta' emerġenza, il-metrika modifikata użata f'din in-nota tindika biss pożizzjoni fiskali kemxejn espansiva għall-2020. Meta jiġu inklużi l-miżuri temporanji ta' emerġenza, il-pożizzjoni fiskali taż-Żona tal-Euro tkun espansiva bi 3¾ % fl-2020 u 2.0% fl-2021 u restrittiva bi 2.0% fl-2022.

dawk tal-UE. Il-kontribuzzjoni espansiva sostanzjali ta' kważi ½% tal-PDG mill-baġit tal-UE tirrifletti prinċipalment l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri.

Il-politika fiskali fiż-Żona tal-Euro hija proġettata li tibqa' ta' appoġġ fl-2022 biex issostni l-irkupru. Hekk kif l-irkupru ekonomiku jżid fir-ritmu tiegħu, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro huma mistennija li jibdlu l-politiki tagħhom minn miżuri temporanji ta' emerġenza (li fil-biċċa l-kbira tagħhom se jiskadu fl-2022) għal miżuri ta' appoġġ għall-irkupru, li huma meħtieġa biex jitnaqqas it-telf tal-output u titrawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomiji tagħna. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, li jinkorpora l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji tal-2022, hija mistennija espansjoni fiskali ulterjuri ta' kważi 1% tal-PDG għall-2022.

In-nefqa ffinanzjata mill-UE u n-nefqa kapitali ffinanzjata fil-livell nazzjonali se jkomplu jappoġġaw l-irkupru u t-tkabbir potenzjali fl-2022, b'infiq addizzjonali ġenerali ta' ¼% tal-PDG (b'infiq iffinanzjat mill-UE jammonta għal 0,1% tal-PDG). Hekk kif l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza taċċellera, l-infiq iffinanzjat mill-UE huwa proġettat li jiżdied aktar fl-2022, u dan iżid il-pożizzjoni fiskali espansiva. L-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali wkoll huwa proġettat li jkompli jiżdied is-sena d-dieħla. L-appoġġ fiskali mistenni biex jiffinanzja l-investimenti pubbliċi u privati se jkollu impatt pożittiv fuq it-tkabbir potenzjali u b'hekk fuq is-sostenibbiltà fiskali.

Parti kbira mill-appoġġ fiskali fl-2022 hija mmirata lejn l-infiq kurrenti ogħla ffinanzjat fil-livell nazzjonali jew dħul aktar baxx mit-taxxa (¾% tal-PDG). Fi wħud mill-każijiet, dawn il-proġettazzjonijiet jimplikaw impatt imdaqqas fuq il-pożizzjoni fiskali sottostanti, anki f'xi Stati Membri b'dejn għoli.

Filwaqt li l-pożizzjoni fiskali aggregata taż-Żona tal-Euro hija ta' appoġġ fl-2022, il-kompożizzjoni tagħha tista' titjieb. Fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2021, l-Istati Membri ġew rakkomandati jimplimentaw tipi differenti ta' strateġiji fiskali fuq il-bażi tal-livell tad-dejn pubbliku tagħhom. L-Istati Membri b'dejn baxx jenħtieġ li jsegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż l-impuls ipprovdut mill-RRF. L-Istati Membri b'dejn għoli jenħtieġ li jużaw il-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li jsegwu politika fiskali prudenti. L-Istati Membri jenħtieġ li jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jinżamm taħt kontroll, u jkun limitat għall-Istati Membri b'dejn għoli. Kif muri fit-Taqsima III hawn taħt, l-Istati Membri kollha qed jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet li jużaw il-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru u l-Istati Membri kollha jippreservaw jew jippreservaw b'mod wiesa' l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali tagħhom. Madankollu, żieda ulterjuri fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali 'l fuq mit-tkabbir potenzjali hija mistennija fl-2022 f'diversi Stati Membri, inklużi xi wħud b'riskji għoljin għas-sostenibbiltà tad-dejn. Din iż-żieda proġettata fin-nefqa kurrenti 'l fuq mit-tkabbir potenzjali ssegwi xejriet simili fl-2020 u l-2021, li tissuġġerixxi piż dejjem akbar tan-nefqa kurrenti permanenti jew tnaqqis fit-taxxa mhux iffinanzjat. Il-kompożizzjoni tal-pożizzjoni fiskali tal-2022 tista' għalhekk titjieb billi l-appoġġ fiskali jinbidel lejn l-investiment kemm jista' jkun possibbli. Dawn l-elementi jippromwovu l-investiment u jwasslu għal titjib fis-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju. Barra minn hekk, għall-Istati Membri b'dejn għoli, il-limitazzjoni tat-tkabbir tan-nefqa kurrenti se tgħin biex tiġi segwita politika fiskali prudenti, kif rakkomandat mill-Kunsill.

Kaxxa 2. Indikaturi tal-pożizzjoni fiskali użati fil-pandemija tal-COVID-19

Tradizzjonalment, il-pożizzjoni fiskali tindika l-impatt fuq terminu qasir tal-politika fiskali diskrezzjonarja fuq l-ekonomija u hija definita bħala miżura tal-bidla minn sena għal sena fil-pożizzjoni baġitarja tal-gvern estiż. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, il-preżenza ta' trasferimenti mdaqqsa mill-baġit tal-UE (bħal dawk mill-RRF jew għotjiet oħra tal-UE), u l-inċertezza sinifikanti madwar l-istimi tad-distakk fl-output, l-indikaturi konvenzjonali bħall-bidla fil-bilanċ tal-baġit strutturali jew il-"parametru referenzjarju tan-nefqa" mhumiex meqjusa xierqa biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali fil-kuntest attwali.

B'mod partikolari, il-bidla fil-bilanċ tal-baġit strutturali ma tirriflettix l-impuls fiskali addizzjonali pprovdut mill-UE, billi n-nefqa nazzjonali relatata hija kumpensata eżattament bi dħul korrispondenti mill-UE. L-ekonomija tista' għalhekk tesperjenza impuls sinifikanti mill-UE, mingħajr ma tkun viżibbli fil-bilanċ baġitarju nominali jew strutturali. Bl-istess mod, il-"parametru referenzjarju tan-nefqa" jeskludi l-impatt tan-nefqa ffinanzjata mill-UE u għalhekk lanqas ma jkopri l-pożizzjoni fiskali ġenerali.

Barra minn hekk, mill-2020 il-bilanċi tal-gvern ġew affettwati b'mod konsiderevoli mill-introduzzjoni u t-tneħħija gradwali sussegwenti ta' miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi. Dawn il-miżuri ġeneralment għandhom l-għan li jappoġġaw is-sistemi tas-saħħa u li jikkumpensaw lill-ħaddiema u lid-ditti għat-telf fid-dħul minħabba l-pandemija. Dawn huma min-natura tagħhom temporanji, b'data tal-skadenza fl-2023 jew qabel, iżda l-impatt tagħhom jiddependi fuq l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tas-saħħa. Filwaqt li huma utli fil-fażi inizjali tal-kriżi, dawn il-miżuri x'aktarx li jkunu inqas effiċjenti biex jappoġġaw l-irkupru meta l-emerġenza relatata mas-saħħa titlaq gradwalment.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tuża miżura ta' pożizzjoni fiskali li hija bbażata fuq il-bidla fin-nefqa primarja (netta mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonarji) relattiva għar-rata ta' tkabbir potenzjali tal-PDG fuq 10 snin. L-aggregat tan-nefqa jinkludi nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll nefqa ffinanzjata mill-RRF u għotjiet oħra tal-UE, u għalhekk ikejjel l-impuls mill-baġit nazzjonali kif ukoll mill-UE. Fl-istess ħin, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali maħluqa mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, dan jeskludi l-impatt ta' miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi. Id-differenza bejn il-bidla fin-nefqa primarja netta (kif definita hawn fuq) relattiva għar-rata ta' tkabbir potenzjali tal-PDG fuq 10 snin tista' mbagħad tiġi interpretata bħala miżura għall-pożizzjoni fiskali ġenerali.


F'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2021, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tista' tagħti wkoll attenzjoni partikolari lill-evoluzzjoni tas-subkomponenti tal-pożizzjoni fiskali ġenerali separatament, b'mod partikolari n-nefqa ffinanzjata minn għotjiet tal-RRF u fondi oħra tal-UE, investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

Pożizzjoni ta' Politika Monetarja

Il-pożizzjoni ta' politika monetarja akkomodanti tal-BĊE mill-bidu tal-pandemija kkontribwiet għall-preservazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli fiż-Żona tal-Euro kollha. Filwaqt li r-rati tal-imgħax tas-suq fit-tul żdiedu minn Settembru 'l

hawn, il-kostijiet tal-kreditu komposti (CCCI) [19]tad-ditti u l-unitajiet domestiċi taż-Żona tal-Euro baqgħu f'livell storikament baxxi sa issa (il-Graff 2.9). Billi jippreservaw kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli, il-miżuri ta' politika monetarja[20] kkontribwew ukoll għal trażmissjoni aktar effettiva tal-impulsi fiskali għall-ekonomija kollha taż-Żona tal-Euro matul il-pandemija. Fl-istess ħin, pożizzjoni fiskali ta' appoġġ appoġġat ukoll it-trażmissjoni tal-politika monetarja tal-BĊE. Din il-komplementarjetà b'saħħitha bejn il-politiki fiskali u monetarji fiż-Żona tal-Euro ħolqot spazju għaż-żewġ politiki biex joperaw flimkien u effettivament taffew il-ħsara ekonomika tal-pandemija. Inħarsu 'l quddiem, il-kundizzjonijiet ta' finanzjament jenħtieġ li jibqgħu favorevoli, bir-rati forward implikati mis-suq jissuġġerixxu biss żieda gradwali ħafna fir-rati tal-imgħax kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul fl-2022. Fl-aħħar laqgħa dwar il-politika monetarja fl-Ottubru, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ġġudika li l-miżuri tal-politika monetarja attwali baqgħu kruċjali biex jgħinu l-ekonomija taqleb għal irkupru sostnut u, fl-aħħar mill-aħħar, biex l-inflazzjoni fuq terminu medju tilħaq il-mira tagħha ta' 2%. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE qies ukoll li l-appoġġ fiskali mmirat u kkoordinat jenħtieġ li jkompli jikkomplementa l-politika monetarja.

Graff 2.9 **Indikaturi tal-ispiża tal-kreditu kompost (CCCIs) ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi fiż-Żona tal-Euro**



Sors: BĊE, Bloomberg, Datastream, il-kalkoli tad-DĠ ECFIN.

[19]L-indikatur tal-kost tal-kreditu kompost (CCCI) huwa kejl sintetiku tal-kostijiet tal-finanzjament estern għas-settur korporattiv u l-unitajiet domestiċi taż-Żona tal-Euro. Is-CCCI ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinkludi l-ispejjeż tal-kreditu pprovdut kemm mill-banek kif ukoll mis-swieq finanzjarji (jiġifieri permezz ta' bonds). Is-CCCI tal-unitajiet domestiċi jinkludi l-ispejjeż fuq tliet tipi ta' self bankarju mogħti lill-unitajiet domestiċi, jiġifieri għall-konsum, ix-xiri tad-djar u skopijiet oħra.


[20]Il-BĊE uża firxa ta' miżuri li jtaffu l-politika monetarja biex itaffi l-effetti ekonomiċi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19. Dawn il-miżuri kienu jikkonsistu f'xiri ta' assi addizzjonali mdaqqas skont il-programm ta' xiri tal-assi u b'mod partikolari skont il-programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' pandemija, provvediment ta' likwidità wiesgħa b'kundizzjonijiet favorevoli ħafna għall-banek taż-Żona tal-Euro b'mod partikolari permezz tat-tielet serje ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament immirati fuq żmien itwal (TLTRO III), u tnaqqis tar-rekwiżiti kollaterali fl-operazzjonijiet tal-provvista ta' likwidità tagħha mal-banek taż-Żona tal-Euro.

III. Ħarsa Ġenerali lejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji

Ir-rispons fiskali għall-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri kollha: mill-emerġenza għall-irkupru


Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi huma mistennija li jneħħu gradwalment il-miżuri temporanji ta' emerġenza u jduru lejn l-appoġġ għall-irkupru fl-2022 (il-Graff 3.1). L-ispiża tal-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru, parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE, hija mistennija li taqbeż it-3% tal-PDG fl-2022 fl-Italja, fil-Latvja u fl-Awstrija, u tkun aktar minn 2% f'seba' Stati Membri oħra. Erba' Stati Membri huma mistennija li jiffinanzjaw mill-inqas 1% tal-PDG tal-miżuri ta' appoġġ għall-irkupru mill-fondi tal-UE. L-ogħla spejjeż tal-miżuri temporanji ta' emerġenza fl-2022 huma pproġettati fl-Estonja, fin-Netherlands, fil-Greċja, fis-Slovakkja, fil-Litwanja u fl-Italja.

Graff 3.1 **Miżuri temporanji ta' emerġenza u miżuri ta' appoġġ għall-irkupru, 2022 (% tal-PDG)**



Nota: Iċ-ċart turi l-ispiża fl-2022 tal-miżuri adottati mill-2020 'il quddiem. Għad-definizzjoni ta' miżuri temporanji ta' emerġenza ara l-Kaxxa 2. Għad-definizzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għall-irkupru ara n-Nota 12 f'qiegħ il-paġna.
Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

Graff 3.2 **Pożizzjoni fiskali tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro fl-2022 (% tal-PDG)**




Nota: Il-graff turi l-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha minbarra l-miżuri temporanji ta' emerġenza tal-COVID-19 fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni biss billi d-*data* tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji dwar il-miżuri temporanji ta' emerġenza tal-COVID-19 mhijiex disponibbli.
Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

L-irtirar tal-aħħar miżuri temporanji ta' emerġenza huwa mistenni li jseħħ fl-2023.

Il-pożizzjoni fiskali mistennija tibqa' tkun ta' appoġġ fi kważi l-Istati Membri kollha fl-2022 (il-Graff 3.2). Skont it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, 17-il Stat Membru huma pproġettati li jipprovdu pożizzjoni fiskali newtrali jew ta' appoġġ, f'xi każijiet f'livelli għoljin b'espansjoni ta' 1% tal-PDG jew aktar. Kif indikat fir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lilhom fir-rebbiegħa, maġġoranza kbira tal-Istati Membri b'dejn baxx/medju huma pproġettati li jsegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ fl-2022. L-unika eċċezzjoni hija s-Slovakkja, li għaliha hija mbassra pożizzjoni ta' kontrazzjoni ta' 0.3% tal-PDG fi sfond ta' tkabbir solidu fl-output fl-2022. Hija pproġettata pożizzjoni newtrali għal Malta, li tirrifletti prinċipalment tkabbir potenzjali stmat għoli ħafna. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri b'dejn għoli qed jippjanaw espansjoni fiskali (il-Belġju, il-Greċja, Franza u l-Italja). L-Istati Membri b'dejn għoli kienu rċevew rakkomandazzjoni biex jużaw l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li jsegwu politika fiskali prudenti.

F'diversi pajjiżi, il-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ipproġettata tirrifletti nfiq kurrenti jew tnaqqis fit-taxxi ffinanzjati fil-livell nazzjonali ogħla, filwaqt li f'madwar terz tirrifletti investiment akbar (il-Graff 3.2). Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jaqbeż ir-rata ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju, li jimplika kontribut pożittiv għall-pożizzjoni fiskali kumplessiva (il-Kaxxa 2 tipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata tal-metriċi tal-pożizzjoni fiskali). It-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali huwa mistenni li jkun il-mutur ewlieni tal-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ f'għaxar Stati Membri. Huwa biss fi Spanja, f'Malta u fis-Slovakkja li n-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija mistennija li tipprovdi kontribuzzjoni kontrazzjonarja għall-pożizzjoni fiskali, billi n-nefqa kurrenti mhux temporanja hija mistennija li tonqos wara ż-żieda mdaqqsa rreġistrata fl-2020-2021 (il-Graff 3.3). Fil-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja u s-Slovenja l-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ fl-2022 hija mistennija

Graff 3.3 **Tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali, medja tal-2020–2021 u 2022 (% tal-PDG; aktar mit-tkabbir potenzjali fuq terminu medju)**




Nota: Dan l-aggregat tan-nefqa huwa definit f'termini primarji u nett minn dħul diskrezzjonali. Miżuri temporanji ta' emerġenza huma eskluż.
Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

li tkun xprunata mill-investiment, iffinanzjat kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll mill-UE (il-Graff 3.2).

It-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jaqbeż ir-rata ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju fl-2022 fl-Istati Membri kollha, ħlief fi Spanja, Malta u s-Slovakkja (il-Graff 3.3). Fl-Italja, l-impatt taż-żieda fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali fuq il-pożizzjoni fiskali sottostanti jammonta għal 1.5% tal-PDG. L-Italja għandha livell għoli ta' dejn u kienet irċeviet rakkomandazzjoni biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali u biex tuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. L-impatt taż-żieda fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali fuq il-pożizzjoni fiskali sottostanti jammonta għal 0.8% tal-PDG fil-Latvja u 2.2% tal-PDG fil-Litwanja. Il-Latvja u l-Litwanja, it-tnejn b'livell baxx/medju ta' dejn, kienu rċevew rakkomandazzjoni biex iżommu t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali taħt kontroll.

L-Istati Membri kollha huma mistennija li jippreservaw jew b'mod ġenerali jippreservaw n-nefqa ta' investiment tagħhom iffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2022, (il-Graff 3.4). Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, it-tkabbir fl-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali jaqbeż it-tkabbir potenzjali fil-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands,

Graff 3.4 **Investiment pubbliku, 2019-2022 (%of GDP)**



Nota: In-Netherlands ma inkludewx proġettazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tagħhom fin-nuqqas ta' Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza. [Għan-Netherlands, it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni assuma li l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jiġi ppreżentat fl-2022 u saret estrapolazzjoni lineari għall-ammonti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.]

Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

l-Awstrija u s-Slovenja u dan jikkontribwixxi għal pożizzjoni fiskali ta' appoġġ. Dan it-tkabbir huwa ġeneralment konformi mat-tkabbir potenzjali fil-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Finlandja, Ċipru u s-Slovakkja, fejn l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali jibqa' ġeneralment stabbli.

Nefqa ffinanzjata mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw miżuri ffinanzjati mill-RRF fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom tal-2022[21]. Ħafna Stati Membri rrapportaw ukoll dwar miżuri ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ferm wara l-2022, minkejja li dan kien fakultattiv. L-Irlanda u l-Litwanja ma rrappurtawx id-diżaggregazzjoni tan-nefqa kapitali totali ffinanzjata mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Barra minn hekk, in-Netherlands ma inkludew l-ebda impatt tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tagħhom fin-nuqqas ta' Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza .


Hemm ċertu livell ta' eteroġeneità fil-profil tal-infiq tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza matul l-2020–2022 fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, għadd żgħir ta' Stati Membri (l-Awstrija, il-Ġermanja, Franza, Ċipru, Spanja, il-Lussemburgu, Malta u l-Italja) qed jippjanaw li jużaw l-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw in-nefqa b'mod retroattiv fl-2020[22]. Fl-2021, in-nefqa bħala sehem mill-PDG iffinanzjata minn għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija pproġettata li tibqa' limitata fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, bl-uniċi eċċezzjonijiet ikunu Franza, Spanja, l-Estonja u l-Greċja fejn is-sehem tan-nefqa fil-PDG diġà huwa mistenni li jkun sinifikanti. Fl-2022, in-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija pproġettata li tiżdied sostanzjalment f'ħafna Stati Membri. B'mod partikolari huwa mistenni li tkun ogħla minn 1% tal-PDG fil-Greċja u Spanja u aktar minn 0.7% fl-Italja, il-Latvja u s-Slovakkja. B'kuntrast ma' dan, huwa mistenni li tibqa' taħt 0.2% tal-PDG fl-Irlanda, fil-Lussemburgu, fil-Ġermanja u fl-Awstrija. Dan jirrifletti d-daqs tal-allokazzjonijiet tal-għotjiet fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll it-twaqqit tal-iżborżi marbuta mat-tlestija ppjanata tal-istadji importanti u tal-miri.

[21]Kumplessivament, il-kompletezza tar-rappurtar tjiebet meta mqabbla mal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-2021. Madankollu, għad hemm għadd ta' problemi fir-rappurtar ta' xi Stati Membri bħal applikazzjonijiet mhux korretti ta' regoli kontabilistiċi li jikkonċernaw tranżazzjonijiet relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew komponenti li ma jammontawx għat-totali.

[22]Skont ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, miżuri mibdija mill-1 ta' Frar 2020 'il quddiem għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sakemm dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mal-gwida tal-Eurostat, ir-regola ġenerali tan-newtralità tar-reġistrazzjoni tal-għotjiet tal-UE eċċezzjonalment ma tapplikax għan-nefqa eliġibbli mġarrba fl-2020. Id-dħul korrispondenti għandu jiġi rreġistrat fi żmien tal-approvazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza mill-Kunsill, jiġifieri, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fl-2021.

L-Istati Membri b'dejn għoli qed jużaw il-biċċa l-kbira tal-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali, kif rakkomandat fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2021. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, l-Istati Membri b'dejn għoli (il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja) li rċevew rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jużaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali biex jappoġġaw l-irkupru, qed jikkonformaw mar-rakkomandazzjoni. Stat Membru wieħed (il-Greċja) alloka l-ammont sħiħ tal-għotjiet tiegħu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2022 għall-finanzjament tal-investiment pubbliku. L-Istati Membri l-oħra (il-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja) allokaw aktar minn 60% tal-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom fl-2022 għall-finanzjament tal-investiment privat u pubbliku.

Graff 3.5 **Infiq iffinanzjat minn għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, 2021 u 2022 (% tal-PDG)**



Nota: In-Netherlands ma inkludew l-ebda impatt tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju fin-nuqqas ta' Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza . Sabiex ikun jista' jsir tqabbil bejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji u t-tbassir tal-ħarifa tal-2021 tal-Kummissjoni, intużaw il-proġettazzjonijiet tal-PDG ipprovduti mit-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni meta ġew espressi f'% tal-PDG. Xi differenzi bejn l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji u t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni jistgħu jkunu dovuti għall-provvista ta' *data* arrodondita fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji

Sorsi: L-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022 tal-Istati Membri, it-Tbassir tal-Ħarifa 2021 tal-Kummissjoni Ewropea.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022

L-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022 jiffukaw fuq il-konsistenza ta' dawn tal-aħħar mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri b'dejn baxx jenħtieġ li jsegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-Istati Membri b'dejn għoli jenħtieġ li jużaw il-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru filwaqt li jsegwu politika fiskali prudenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, billi t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jinżamm taħt kontroll, u jkun limitat għall-Istati Membri b'dejn għoli, kien hemm rakkomandazzjoni għal dan il-għan lil dawk l-Istati Membri fejn din tqieset bħala kwistjoni fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni. Dan se jippermetti li l-miżuri fiskali joħolqu spazju għall-investiment u jimmassimizzaw l-appoġġ għall-irkupru mingħajr ma jantiċipaw trajettorji

fiskali futuri u joħolqu piż permanenti fuq il-finanzi pubbliċi, sabiex jiġu ppreservati l-politiki fiskali prudenti.

Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit nazzjonali. Il-kwalità tal-miżuri baġitarji jenħtieġ li tiżgura rkupru sostenibbli u inklużiv. Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-investiment sostenibbli u li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-investiment li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Ir-riformi fiskali strutturali se jgħinu biex jipprovdu finanzjament għall-prijoritajiet tal-politika pubblika u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, inkluż, fejn rilevanti, billi jsaħħu l-kopertura, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd.

Kważi l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro ppreżentaw l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tagħhom sal-15 ta' Ottubru, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. L-unika eċċezzjoni kienet l-Italja, li ppreżentat il-Pjan tagħha fl-20 ta' Ottubru. Franza ppreżentat aġġornament tal-Abbozz tal-Pjan Baġitarju fit-22 ta' Ottubru. Fil-każ tan-Netherlands, l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ġie ppreżentat mill-gvern uxxenti. Malli gvern ġdid jibda l-mandat tiegħu u, bħala regola, mill-inqas xahar qabel l-abbozz tal-liġi tal-baġit ikun ippjanat li jiġi adottat mill-parlament nazzjonali, l-awtoritajiet huma mistiedna li jippreżentaw Pjan aġġornat lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro. Il-Kummissjoni ma adottatx Opinjoni dwar l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ppreżentat mill-Portugall, billi sadanittant il-baġit ġie miċħud mill-Parlament tal-Portugall. Fil-15 ta' Novembru, il-Kummissjoni bagħtet ittra fejn stiednet lill-awtoritajiet Portugiżi jippreżentaw Abbozz tal-Pjan Baġitarju ġdid lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro, fi żmien debitu, u hekk kif gvern jippreżenta abbozz ta' liġi ġdid dwar il-Baġit tal-Istat għall-2022 lill-Parlament Portugiż. Il-preżentata jenħtieġ li ssir mill-inqas xahar qabel l-Abbozz tal-Liġi tal-Baġit il-ġdid ikun ippjanat li jiġi adottat mill-parlament nazzjonali.

Dan li ġej huwa sommarju tal-Opinjonijiet tal-Kummissjoni[23], li huma bbażati fuq it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni:

Stati Membri b'dejn għoli (il-Belġju, Franza, il-Greċja, l-Italja u Spanja)

- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jużaw l-RRF biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru.
- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jippreservaw l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- **L-Italja** ġiet irrakkomandata mill-Kunsill biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Dan mhux ipproġettat li jiġi żgurat b'mod suffiċjenti, billi t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribut imdaqqas għall-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ġenerali tal-Italja. Sabiex tikkontribwixxi għall-kisba ta' politika fiskali prudenti, il-Kummissjoni tistieden

[23] Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tas-soltu li jakkumpanjaw l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji mhumiex se jiġu ppubblikati din is-sena, filwaqt li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet kwalitattivi adottati mill-Kunsill u t-tbegħid kontinwu mir-rekwiżiti baġitarji normali wara l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-Opinjonijiet huma akkumpanjati minn Anness Statistiku, li jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu vvalutati l-pjanijiet tal-Istati Membri.

lill-Italja biex tieħu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

- Għall-**Belġju, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall** u **Spanja**, minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tagħhom u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, huwa importanti li jiġi żgurat li, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, tiġi ppreservata s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

Stati Membri b'dejn baxx/medju (l-Awstrija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja u s-Slovakkja)

- Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tas-**Slovakkja** u **Malta**, isegwu pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-pożizzjoni fiskali restrittiva tas-Slovakkja sseħħ fl-isfond ta' tkabbir għoli fl-output u restrizzjonijiet emerġenti tal-kapaċità. Il-pożizzjoni newtrali ta' Malta tirrifletti prinċipalment it-tkabbir potenzjali stmat għoli ħafna filwaqt li l-investiment pubbliku jilħaq livell storikament għoli. Dan huwa ġeneralment rakkomandat mill-Kunsill.
- L-Istati Membri kollha qed jippjanaw li jużaw l-RRF biex jappoġġaw l-irkupru tagħhom, filwaqt li n-Netherlands għadhom ma ppreżentawx il-Pjan tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- Kif rakkomandat mill-Kunsill, l-Istati Membri kollha jippreservaw jew jippreservaw b'mod wiesa' l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- Il-**Latvja** u l-**Litwanja** ġew rakkomandati mill-Kunsill biex jikkontrollaw it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Dan mhux ipproġettat li jiġi żgurat b'mod suffiċjenti, billi t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribut imdaqqas għall-pożizzjoni fiskali ta' appoġġ ġenerali tagħhom.

B'mod ġenerali, l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji jinkludu miżuri li jmorru fid-direzzjoni tat-tisħiħ tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u li jikkontribwixxu għal irkupru sostenibbli u inklużiv, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Valutazzjoni sħiħa tar-riformi fiskali strutturali implimentati mill-Istati Membri se ssir fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza u r-Rapport tal-Pajjiż tal-2022.

B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħhom, l-Istati Membri huma mistiedna jirrieżaminaw regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkunu lesti li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

ANNESS I: Valutazzjoni speċifika għall-pajjiż tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-2022

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. L-Awstrija qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Awstrija qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, l-Awstrija hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-**Belġju**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Belġju qed jippjana li jipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Belġju qed jippjana wkoll li jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tal-Belġju u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri mħabbra fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju huma konformi mar-rakkomandazzjoni, filwaqt li huma żgħar. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tiegħu, l-Belġju huwa mistieden jirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkun lest li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ta' **Ċipru**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Ċipru qed jippjana li jipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali. B'mod ġenerali kif irrakkomandat mill-Kunsill, Ċipru qed jippjana li kważi jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. L-investimenti u r-riformi ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huma mistennija li jissodisfaw dawn l-objettivi u jikkontribwixxu biex jappoġġaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tiegħu l-Belġju huwa mistieden jirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkun lest li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-

Kunsill. L-Estonja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Estonja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Xi wħud mill-miżuri inklużi fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju huma relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u mal-investimenti ekoloġiċi u għalhekk huma mistennija li jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, l-Estonja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-Finlandja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Finlandja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri relatati mal-implimentazzjoni tal-programm tal-gvern u tal-Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza li jinsabu fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-Finlandja jikkontribwixxu għat-twettiq ta' din ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, il-Finlandja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju aġġornat ta' **Franza**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Franza qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Franza qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern ta' Franza u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'dan ir-rigward, il-miżuri li jinsabu fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju Franċiż jikkontribwixxu għall-issodisfar tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tingħata prijorità lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, Franza hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-

Kunsill. Il-Ġermanja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Ġermanja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Dawn l-objettivi huma ssodisfati mill-miżuri li jirfdu l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, il-Ġermanja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-**Belġju**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Greċja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Greċja qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tal-Greċja u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza se jitneħħew gradwalment fl-2021 u dawk li huma inklużi fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-2022 għandhom l-għan li jistimulaw id-domanda aggregata u l-impjiegi, u dan se jappoġġaw l-irkupru sostenibbli u inklużiv. Barra minn hekk, l-investimenti u r-riformi ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Fl-aħħar nett, ir-riformi strutturali fiskali li għaddejjin, bħar-rieżamijiet tal-infiq, ir-riforma tal-ibbaġitjar tal-prestazzjoni, it-tlestija tal-klassifikazzjoni funzjonali u l-iżvilupp ta' qafas baġitarju ekoloġiku huma mistennija li jtejbu l-effiċjenza tal-finanzi pubbliċi. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, il-Greċja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. L-Irlanda qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Irlanda qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri inklużi fil-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, bħall-modifika retroattiva fl-abbitazzjonijiet residenzjali u l-Pjan Nazzjonali tal-Broadband, huma konformi mal-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, l-Irlanda hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-**Belġju**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Italja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Italja qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, l-Italja mhijiex tippjana li tillimita biżżejjed it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Sabiex tikkontribwixxi għall-kisba ta' politika fiskali prudenti, il-Kummissjoni tistieden lill-Italja biex tieħu l-miżuri meħtieġa fil-proċess baġitarju nazzjonali biex tillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern tal-Italja u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'dan ir-rigward, il-miżuri li jinsabu fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju Taljan jikkontribwixxu għall-issodisfar tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tingħata prijorità lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, l-Italja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-Latvja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Latvja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, il-Latvja ma żżommx biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri inklużi fil-Pjan ta' Rkupru u ta' Reżiljenza tal-Latvja u li huma parti mill-Abbozz tal-Pjan Baġitarju huma mmirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, il-Latvja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadattahom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-Litwanja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Litwanja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin, il-Litwanja ma żżommx biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri inklużi fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Litwanja u l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tal-Litwanja huma mistennija li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' din ir-

rakkomandazzjoni. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, il-Litwanja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Il-Lussemburgu qed jippjana li jipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi jagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Lussemburgu qed jippjana li jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'dan ir-rigward, il-miżuri li jinsabu fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju Franċiż jikkontribwixxu għall-issodisfar tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jiġi żgurat irkupru sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tingħata prijorità lit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, kif ukoll l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tiegħu, il-Lussemburgu huwa mistieden jirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkun lest li jadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni li tinsab fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ta' **Malta**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun newtrali f'kuntest ta' tkabbir potenzjali stmat għoli ħafna, filwaqt li l-investiment pubbliku jilħaq livell storikament għoli, b'mod ġenerali kif irrakkomandat mill-Kunsill. Malta qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Malta qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Iż-żieda fl-investiment pubbliku ppjanata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ta' Malta hija mistennija li tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u żżid il-potenzjal tat-tkabbir, filwaqt li ż-żieda fl-intitolamenti tal-pensjoni, għalkemm limitata, tista' żżid il-pressjoni fuq is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, Malta hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni li tinsab fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tan-**Netherlands**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. In-Netherlands huma preżunti li se jipprovdu appoġġ kontinwu għall-irkupru billi jagħmlu użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiffinanzjaw investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, in-Netherlands qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri inklużi fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tan-Netherlands huma mistennija li jikkontribwixxu għall-issodisfar ta' din ir-rakkomandazzjoni. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, in-Netherlands huma mistiedna jirrieżaminaw regolarment l-użu, l-effettività u

l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u jkunu lesti li jadattawhom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu. Hekk kif gvern ġdid jibda l-mandat tiegħu u bħala regola mill-inqas xahar qabel ma jkun ippjanat l-abbozz tal-liġi baġitarja li għandu jiġi adottat mill-parlament nazzjonali, l-awtoritajiet huma mistiedna li jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-Euro, Abbozz tal-Pjan Baġitarju aġġornat.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju tas-**Slovakkja**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun kontrazzjonarja f'kuntest ta' tkabbir għoli fl-output u restrizzjonijiet emerġenti fil-kapaċità fl-2022, b'mod ġenerali kif rakkomandat mill-Kunsill. Is-Slovakkja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. B'mod ġenerali kif irrakkomandat mill-Kunsill, is-Slovakkja qed tippjana li kważi tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-miżuri mħabbra fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju huma konformi mar-rakkomandazzjoni, filwaqt li huma żgħar. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, is-Slovakkja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-**Awstrija**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun ta' appoġġ, kif rakkomandat mill-Kunsill. Is-Slovenja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, is-Slovenja qed tippjana li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-miżuri qed jindirizzaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, ir-riforma tat-taxxa adottata tista' tpoġġi pressjoni fuq l-irkupru sostenibbli u inklużiv. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, is-Slovenja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Fl-2022, fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni u inkluża l-informazzjoni inkorporata fl-Abbozz tal-Pjan Baġitarju ta' **Spanja**, il-pożizzjoni fiskali, inkluż l-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, hija pproġettata li tkun kontrazzjonarja. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Spanja qed tippjana li tipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investiment addizzjonali. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Spanja qed tippjana wkoll li tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Minħabba l-livell tad-dejn tal-gvern ta' Spanja u l-isfidi kbar għas-sostenibbiltà fuq terminu medju qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, meta jittieħdu miżuri baġitarji ta' appoġġ, huwa importanti li tiġi ppreservata politika fiskali prudenti sabiex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-kwalità tal-miżuri baġitarji, inkluż permezz ta' investiment li jsaħħaħ it-tkabbir, b'mod partikolari l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. F'dan ir-rigward, l-Abbozz tal-Pjan Baġitarju fih miżuri dettaljati li jmorru f'dik id-direzzjoni u jrawmu t-tranżizzjoni diġitali, iżidu l-konnettività u jsaħħu ċ-ċibersigurtà permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni differenti bħall-Pjan għall-Konnettività

u l-Infrastrutturi Diġitali għas-Soċjetà. It-tranżizzjoni ekoloġika hija koperta wkoll mil-Liġi l-ġdida dwar it-Tibdil fil-Klima u t-Tranżizzjoni tal-Enerġija u l-Pjan Idroloġiku Nazzjonali 2021-2027. Se jkun hemm ukoll aktar appoġġ pubbliku għar-Riċerka u l-Iżvilupp u t-trasferiment tal-għarfien permezz tal-Aġenzija tar-Riċerka Spanjola u Red Cervera, fost azzjonijiet oħra. B'kont meħud tas-saħħa tal-irkupru tagħha, Spanja hija mistiedna tirrieżamina regolarment l-użu, l-effettività u l-adegwatezza tal-miżuri ta' appoġġ u tkun lesta li tadatthom kif meħtieġ għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

ANNESS II: Il-metodoliġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, "il-metodoloġija... ...u s-suppożizzjonijiet tal-previżjonijiet ekonomiċi l-aktar reċenti tas-servizzi tal-Kummissjoni għal kull Stat Membru, inklużi l-istimi tal-impatt tal-miżuri bażitarji aggregati fuq it-tkabbir ekonomiku, għandhom jiġu annessi mal-valutazzjoni kumplessiva". Is-suppożizzjonijiet li jirfdu t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, li jitħejja indipendentement mill-persunal tal-Kummissjoni, huma spjegati fid-dokument tat-tbassir innifsu.[24]

Id-*data* bażitarja sal-2020 hija bbażata fuq id-*data* nnotifikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Ottubru 2021 u vvalidata mill-Eurostat fil-21 ta' Ottubru 2021. Il-Eurostat ma għamel l-ebda emenda fid-*data* rrappurtata mill-Istati Membri matul iċ-ċiklu ta' notifika tal-ħarifa 2021. Il-Eurostat irtira r-riżerva li kellu aktar kmieni dwar il-kwalità tad-*data* rrapportata mil-Lussemburgu għas-sena 2020. L-awtoritajiet tal-istatistika Lussemburgiżi pprovdew l-informazzjoni nieqsa dwar id-dħul mit-taxxa differita fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

Għat-tbassir, il-miżuri li jsostnu l-istabbiltà finanzjarja ġew irreġistrati skont id-Deċiżjoni tal-Eurostat tal-15 ta' Lulju 2009.[25] Sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jirrapportax mod ieħor, l-injezzjonijiet ta' kapital magħrufa f'biżżejjed dettall ġew inklużi fit-tbassir bħala tranżazzjonijiet finanzjarji, jiġifieri jżidu d-dejn, iżda mhux id-defiċit. Il-garanziji tal-istat fuq l-obbligazzjonijiet u d-depożiti bankarji mhumiex inklużi bħala nfiq tal-gvern, sakemm ma jkunx hemm evidenza li turi li dawn ġew eżerċitati fil-mument li jkun ġie ffinalizzat it-tbassir. Madankollu, is-selfiet maħruġa lill-banek, jew minn entitajiet oħra kklassifikati fis-settur pubbliku, normalment iżidu mad-dejn tal-gvern.

Għall-2022, qed jitqiesu l-baġits adottati jew ippreżentati lill-parlamenti nazzjonali kif ukoll kull miżura oħra magħrufa f'biżżejjed dettall. B'mod partikolari, l-informazzjoni kollha inkluża fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji ppreżentati sa nofs Ottubru qed tiġi riflessa fit-tbassir tal-ħarifa. Għall-2023, is-suppożizzjoni ta' "ebda bidla fil-politika" użata fit-tbassiriet timplika l-estrapolazzjoni ta' xejriet fid-dħul u fl-infiq u l-inklużjoni tal-miżuri li jkunu magħrufa f'biżżejjed dettall.

L-aggregazzjonijiet Ewropej tad-dejn tal-gvern estiż fis-snin tat-tbassir 2021-2023 huma ppubblikati fuq bażi mhux konsolidata (jiġifieri mhux ikkoreġuti għas-self intergovernattiv). Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tul iż-żmien, id-*data* storika qiegħda tiġi ppubblikata wkoll fuq l-istess bażi. Il-proġettazzjonijiet tad-dejn tal-gvern estiż għall-Istati Membri individwali fl-2021-23 jinkludu l-impatt tal-garanziji għall-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, is-self bilaterali lil Stati Membri oħra, u l-parteċipazzjoni fil-kapital tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà kif ippjanat fid-data limitu tat-tbassir[26].

---

[24] Is-suppożizzjonijiet metodoloġiċi li jirfdu t-tbassir ekonomiku tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni jinsabu hawn:https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/autumn-2021-economic-forecast_en

[25] Jinsab fuq: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/1015035/2041337/FT-Eurostat-Decision-9-July-20093--final-.pdf.

[26] F'konformità mad-deċiżjoni tal-Eurostat tas-27 ta' Jannar 2011 dwar ir-reġistrazzjoni statistika tal-operazzjonijiet li saru mill-EFSF, li tinsab hawn: http://ec.europa.eu/eurostat/documents/2995521/5034386/2-27012011-AP-EN.PDF.

Skont it-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni, il-miżuri baġitarji rrapportati fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2022 meħuda b'mod aggregat qed iżidu d-defiċit (impatt ta' madwar -0.3% tal-PDG), xprunati ġeneralment b'mod ugwali minn miżuri li jżidu n-nefqa u li jnaqqsu d-dħul. Kumplessivament, l-impatt mekkaniku fuq it-tkabbir tal-PDG fuq terminu qasir huwa pproġettat li jkun pożittiv.

Huwa importanti li tintuża l-prudenza fl-interpretazzjoni ta' din l-istima:

- Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 għandu l-għan li jevalwa l-effett tal-miżuri li ttieħdu fl-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji. Il-miżuri li ttieħdu u li daħlu fis-seħħ qabel l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji mhumiex inklużi fil-valutazzjoni, anki jekk dawn jista' jkollhom impatt addizzjonali fuq il-proġettazzjonijiet tal-finanzi pubbliċi għall-2022.
- L-impatt tal-miżuri rapportati huwa espress fuq il-bażi ta' linja bażi ta' politika li ma tinbidilx. L-orjentazzjoni tal-politika fiskali ta' din il-linja bażi mhux neċessarjament tkun newtrali. Pereżempju, ix-xejra ta' żieda ta' ċerti partiti tal-infiq tista' tkun ogħla jew taħt it-tkabbir potenzjali, jista' jkun hemm impatt addizzjonali ta' miżuri preċedenti fil-linja bażi jew miżuri li ttieħdu aktar kmieni jistgħu jieqfu fl-2022.

Il-proġettazzjonijiet baġitarji ta' xi Stati Membri jinkludu miżuri li huma mistennija li jiġu ffinanzjati skont in-NextGenerationEU/Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. It-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2021 jirreġistra dawn il-miżuri bħala li jżidu d-defiċit, għalkemm dawn jistgħu eventwalment jiġu ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. B'riżultat ta' dan, id-defiċits ipproġettati ta' dawn l-Istati Membri jistgħu jkunu stmati żżejjed.

ANNESS III: Analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn u analiżi tas-sensittività

Dan l-Anness jippreżenta analiżi tas-sensittività tal-iżviluppi tad-dejn pubbliku għal skossi makroekonomiċi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013. Il-proġettazzjonijiet tad-dejn stokastiċi jintużaw biex jivvalutaw l-impatt possibbli fuq id-dinamiki tad-dejn pubbliku tar-riskji għat-tkabbir nominali tal-PDG, l-iżviluppi tas-suq finanzjarju u l-iskossi fiskali li jaffettwaw il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern([27]).

Il-proġettazzjonijiet stokastiċi jqisu l-inċertezza makroekonomika li tirrigwarda żewġ xenarji "ċentrali" ta' proġettazzjoni tad-dejn fl-2022-2026: ix-xenarju tat-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni u x-xenarju tal-abbozz tal-pjanijiet baġitarji tal-2022. Fiż-żewġ każijiet, is-suppożizzjoni tas-soltu ta' "l-ebda bidla fil-politika fiskali" ssir lil hinn mill-orizzont tat-tbassir ([28]).

L-iskossi huma applikati għall-kundizzjonijiet makroekonomiċi preżunti fix-xenarju ċentrali biex tinkiseb id-distribuzzjoni ta' perkorsi ta' dejn possibbli (il-"cone" fil-fan ċarts li jidher fil-Graff III.1). Il-cone jikkorrispondi għal grupp wiesa' ta' kundizzjonijiet makroekonomiċi possibbli, b'massimu ta' 2 000 skoss simulat fuq it-tkabbir, ir-rati tal-imgħax u l-bilanċ primarju. Id-daqs u l-korrelazzjoni ta' dawn l-iskossi jirriflettu l-volatilità storika u r-relazzjonijiet bejn dawn il-varjabbli([29]). Għaldaqstant, il-fan charts jipprovdu informazzjoni probabilistika dwar id-dinamika tad-dejn għaż-Żona tal-Euro, filwaqt li titqies il-possibbiltà li jkun hemm skossi għat-tkabbir, għar-rati tal-imgħax u għall-bilanċ primarju ta' kobor u korrelazzjoni li jirriflettu l-iżviluppi fil-passat.

Kull fan ċart tirrapporta l-perkors tad-dejn ipproġettat fix-xenarju ċentrali bħala linja miksura. Ir-riżultat medjan tas-simulazzjonijiet jintwera bħala linja sewda solida. Il-cone jkopri 80% tal-perkorsi kollha possibbli tad-dejn, filwaqt li l-perkorsi derivati mill-20% tax-xokkijiet l-anqas probabbli ma jintwerewx. Iż-żoni skurati differenti fil-cone jirrappreżentaw porzjonijiet differenti tad-distribuzzjoni kumplessiva tal-perkorsi possibbli tad-dejn.

Għall-2022, is-simulazzjonijiet jissuġġerixxu li, bi probabbiltà ta' 80%, il-proporzjon tad-dejn taż-żona tal-euro se jkun bejn id-89% u l-107% tal-PDG fix-xenarju tal-Kummissjoni, u bejn id-90% u l-108% tal-PDG fix-xenarju tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji. Sal-2026, ikun hemm probabbiltà ta' 50% li l-proporzjon tad-dejn jkun ogħla minn madwar 95% tal-PDG skont ix-xenarju tal-Kummissjoni u ogħla minn 99% tal-PDG fix-xenarju tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji.

Hemm riskji addizzjonali li jirrigwardaw dawn il-proġettazzjonijiet. Billi d-daqs u l-korrelazzjoni tal-iskossi jirriflettu l-imġiba storika tal-varjabbli, il-metodoloġija ma tkoprix l-inċertezza f'ħin reali, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tad-distakk fl-output. Id-distakki fl-output għandhom it-tendenza li jiġu riveduti 'l isfel, fid-direzzjoni tal-output potenzjali aktar baxx minn dak preżunt fil-ħin reali. Din l-inċertezza tissuġġerixxi sors

---


[27] Il-metodoloġija għall-proġettazzjonijiet stokastiċi tad-dejn pubbliku użata hawnhekk hija ppreżentata fid-Debt Sustainability Monitor 2019 tal-Kummissjoni Ewropea, l-Anness A7, u f'Berti K. (2013), "Stochastic public debt projections using the historical variance-covariance matrix approach for EU countries", European Economy Economic Paper No. 480.


[28] It-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni jinkorpora miżuri ta' politika fiskali li ġew adottati jew li tal-inqas tħabbru b'mod kredibbli u informazzjoni li kienet disponibbli mill-25 ta' Ottubru 2021. Lil hinn mill-2023 (l-aħħar sena ta' tbassir), il-bilanċ strutturali primarju huwa mmodifikat biss bl-ispejjeż (netti) ipproġettati tat-tixjiħ.

[29] L-iskossi huma preżunti li jsegwu distribuzzjoni normali konġunta.

addizzjonali ta’ riskji fuq perkorsi futuri tad-dejn li mhuwiex rifless f’din l-analiżi. Sors ieħor ta’ inċertezza jirrigwarda r-realizzazzjoni ta’ obbligazzjonijiet kontinġenti, billi l-fan ċarts jaqbdu biss riskji li mmaterjalizzaw fil-passat permezz ta’ deterjorament tal-bilanċ primarju.

Graff III.1: Fan ċarts minn proġettazzjonijiet stokastiċi tad-dejn pubbliku madwar ix-xenarju tat-tbassir tal-Kummissjoni u x-xenarju tat-tbassir tal-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji; Żona tal-Euro




xenarju DBP
120
(% tal-PDG)
110
100
90
80
70
60
2020
2021
2022
2023
2024
2025
2026
p10_p20
p20_p40
p40_p60
p60_p80
p80_p90
p50
Central scenario

ANNESS IV: Tabelli

Tabella IV.1: Tkabbir tal-PDG reali (%) skont il-Programmi ta' Stabbiltà, l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji u t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni

	2021			2022		
Country	SP	DBP	COM	SP	DBP	COM
BE	4.1	5.7	6.0	3.5	3.0	2.6
DE	3	3.5	2.7	2.6	3.6	4.6
EE	2.5	9.5	9.0	4.8	4.0	3.7
IE	4.5	15.6	14.6	5.0	5.0	5.1
EL	3.6	6.1	7.1	6.2	4.5	5.2
ES	6.5	6.5	4.6	7.0	7.0	5.5
FR	5.0	6.3	6.5	4.0	4.0	3.8
IT	4.5	6.0	6.2	4.8	4.7	4.3
CY	3.6	5.5	5.4	3.8	4.0	4.2
LV	3.0	3.7	4.7	4.5	5.0	5.0
LT	2.6	4.3	5.0	3.2	4.0	3.6
LU	4.0	6.0	5.8	4.0	3.5	3.7
MT	3.8	4.8	5.0	6.8	6.5	6.2
NL	2.2	3.9	4.0	3.5	3.5	3.3
AT	1.5	4.4	4.4	4.7	4.8	4.9
SI	4.6	0.0	6.4	4.4	4.7	4.2
SK	3.3	3.7	3.8	6.3	4.2	5.3
FI	2.6	3.3	3.4	2.5	2.9	2.8
EA	4.0	5.4	5.0	4.1	4.3	4.3

Tabella IV.2: Bilanċ nominali (% tal-PDG) skont il-Programmi ta' Stabbiltà, l-Abbozzi tal-Pjanijiet Bağitarji u t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni (COM)

	2021			2022		
Country	SP	DBP	COM	SP	DBP	COM
BE	-7.7	-8.1	-7.8	-4.5	-4.9	-5.1
DE	-9	-7 ¼	-6.5	-3	-3 ¼	-2.5
EE	-6.0	-3.3	-3.1	-3.8	-2.2	-2.5
IE	-4.7	-3.1	-3.2	-2.8	-1.8	-1.7
EL	-9.9	-9.9	-9.9	-2.9	-3.7	-3.9
ES	-8.4	-8.4	-8.1	-5.0	-5.0	-5.2
FR	-9.0	-8.1	-8.1	-5.3	-5.0	-5.3
IT	-11.8	-9.4	-9.4	-5.9	-5.6	-5.8
CY	-4.7	-5.0	-4.9	-0.9	-1.1	-1.4
LV	-9.3	-9.3	-9.5	-2.7	-4.8	-4.2
LT	-8.1	-4.4	-4.1	-6.0	-3.1	-3.1
LU	-2.0	-0.6	-0.2	-1.3	-0.2	0.2
MT	-12.0	-11.1	-11.1	-5.6	-5.6	-5.8
NL	-5.9	-6.0	-5.3	-1.7	-2.4	-2.1
AT	-8.4	-6.0	-5.9	-4.3	-2.3	-2.3
SI	-8.6	-7.5	-7.2	-5.7	-5.4	-5.2
SK	-9.9	-7.9	-7.3	-5.1	-4.9	-4.2
FI	-4.7	-3.9	-3.8	-2.9	-2.4	-2.4
EA	-8.7	-7.4	-7.1	-4.2	-4.0	-3.9

Tabella IV.3: Proporzjon tad-dejn mal-PDG (% tal-PDG) skont il-Programmi ta' Stabbiltà, l-Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji u t-tbassir tal-ħarifa 2021 tal-Kummissjoni (COM)

	2021			2022		
Country	SP	DBP	COM	SP	DBP	COM
BE	116.3	113.9	112.7	116.0	114.3	113.1
DE	74 1/2	72 ¼	71.4	74.0	71 ¼	69.2
EE	21.4	17.7	18.4	24.6	19.7	20.4
IE	62.2	55.2	55.6	60.2	51.9	52.3
EL	204.8	197.9	202.9	189.5	190.4	196.9
ES	119.5	119.5	120.6	115.1	115.1	118.2
FR	117.8	115.3	114.6	116.3	113.5	113.7
IT	159.8	153.5	154.4	156.3	149.4	151.4
CY	111.9	107.7	104.1	103.9	100.9	97.6
LV	48.9	48.8	48.2	50.3	51.7	50.7
LT	52.1	46.0	45.3	54.2	45.6	44.1
LU	26.9	25.8	25.9	28.0	26.6	25.6
MT	65.0	61.3	61.4	65.8	61.8	62.4
NL	58.6	57.8	57.5	56.9	57.7	56.8
AT	89.6	82.8	82.9	88.1	79.1	79.4
SI	80.4	78.5	77.7	79.6	77.5	76.4
SK	64.1	61.5	61.8	65.5	61.5	60.0
FI	71.6	71.2	71.2	72.4	71.3	71.2
EA	103.1	97.8	100.0	102.8	95.9	97.9